**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-24 ta' Frar, 2017**

**Talba numru: 208/2016 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 46**

**J. Zammit Limited (C37945)**
**Raymond Autodealer,**
**Mdina Road,**
**Zebbug**

**vs**

**Dean Element and Kelly Element (79095150)**
**App5, Anfora Court,**
**Triq San Gwann**
**Birzebbugia**

It-Tribunal,

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-30 ta' Mejju, 2016, illi permezz tiegħu s-Socjeta' attrici talbet il-hlas minghand il-konvenuti fl-ammont ta' erbat elef

erba’ mija u tmienja u tmenin ewro (€4,488) dovuta kwantu ghal hlas ta’ vettura li l-konvenuti xtraw minghand is-Socjeta’ attrici.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta , huma ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehru għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Soċjeta` attriċi u l-fatt li hadd mill-konvenuti ma deher biex jirrisponduh, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ ta’ erbat elef erba’ mija u tmienja u tmenin ewro (€4,488) bl-imgħax legali bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data ta’ meta dan l-ammont sar dovut sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, a karigu tal-konvenuti.

**Av. Anna Mallia**
**Gudikatur**